MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 439/2004/1

**C. Fino & Sons Limited u Multiple Estates Limited**

**v.**

**Saviour Buttigieg u Dr. Leslie Cuschieri
u l-PL Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet
tas-6 ta' Lulju 2004 bhala kuraturi deputati sabiex
jirrapprezentaw lill-assenti Joseph Schembri**

**Il-Qorti:**

Illi dan hu provvediment dwar talba tal-konvenut appellant (i) sabiex tigi sfilzata r-risposta tal-appell tal-atturi appellati peress li giet ipprezentata tardivament, u (ii) ghar-rikuza tal-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia peress li kien esprima

ruhu dwar elementi tal-kaz fis-sentenza **Saviour Buttigieg v. V. Fino & Sons Ltd.**, minnu deciza allura sedenti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' April, 2004.

Fil-kuntest tal-ewwel talba, jirrizulta li r-rikors tal-appell gie pprezentat fis-17 ta' Gunju, 2008, u dan gie notifikat lill-atturi appellati fid-19 ta' Gunju, 2008. Da parti ta' dawn l-atturi, huma ressqu r-risposta taghhom fil-11 ta' Mejju, 2010. Il-pozizzjoni li dejjem hadet din il-Qorti hi li risposta tal-appell trid tigi pprezentata fi zmien 20 gurnata min-notifika tar-rikors tal-appell lill-appellat. Dan johrog minn applikazzjoni tal-Artikoli 144(1) u 146 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Din hija l-prattika kostanti ta' din il-Qorti u l-gurisprudenza in materja.

Kwindi, l-ewwel talba tal-konvenut appellant sejra tigi milqugha.

Fil-kuntest tat-tieni talba tal-istess konvenut, jirrizulta li din il-kawza hija straxxiku tal-kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, allura presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia, issa wiehed mill-membri ta' din il-Qorti, fid-29 ta' April, 2004 tant li s-sentenza ta' dik il-Qorti tifforma parti mill-premessi li fuqhom is-socjetajiet atturi qed jibbazaw it-talba taghhom. Din il-Qorti ezaminat is-sentenza ta' dik il-Qorti, u ssib li fiha saru kummenti li jolqtu direttament elementi ta' din il-kawza li hi wahda pauliana. Hekk, per ezempju, f'parti mis-sentenza, dik il-Qorti osservat li "m'hemmx dubju li dak li gara huwa li l-attur Buttigieg u Schembri ftehmu li jirrisolvu l-problema ta' bejniethom a skapitu ta' Fino …", kumment li jincidi direttament fuq it-talba ta' din il-kawza intiza ghal dikjarazzjoni li dak il-kuntratt li sehh bejn Buttigieg u Schembri kien bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-atturi.

Ghalhekk, jidher gust u ekwu li din il-Qorti tilqa' t-talba ghar-rikuza tal-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia.

Ghaldaqstant tipprovdi billi, fl-ewwel lok, tordna l-isfilz tar-risposta tal-appell ipprezentat mis-socjetajiet atturi appellati fil-11 ta' Mejju, 2010, u, fit-tieni lok, billi tilqa' t-talba ghar-rikuza tal-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia li

qieghed prezenzjalment, ghalhekk, jastjeni milli jkompli jkun membru ta’ din il-Qorti ghal fini tas-smiegh ta’ din il-kawza.

L-ispejjez marbuta ma’ dan il-provvediment, jekk hemm, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-kawza tibqa’ differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti diversament komposta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------